# X'opportunijajiet jeżistu biex l-individwi itejbu l-qagħda tagħhom fis-soċjeta'? Liema huma l-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għall-mobilita' soċjali?

Ħafna drabi nitkellmu fuq il-Klassi l-għolja, il-Klassi tan-nofs, u l-klassi l-baxxa ta' soċjeta'. Stratifikazzjoni Soċjali tfisser il-mod kif is-soċjeta' hi mqassma fi klassijiet soċjali minħabba differenzi ta' flus, poter, edukazzjoni u bosta kriterji oħra.

Il-membri tas-soċjeta' huma miġbura fi klassijiet soċjali. Il-proċess li jwassal biex kull membru tas-soċjeta' jitqiegħed fi gruppi b'karatteristiċi komuni jissejjaħ stratifikazzjoni soċjali. L-istratifikazzjoni tfisser li d-differenza bejn ċertu gruppi ta' ċittadini u oħrajn tista' tiġi mqabbla ma' strati. Kull soċjeta' tħaddan fiha l-inugwaljanza . Għalhekk f'kull soċjeta' hemm ċittadini li huma aktar sinjuri mill-oħrajn; insibu min ikollu ħafna art u min ma jkollu xejn; min għandu ħafna edukazzjoni u min għandu ftit u l-istess għall-prestiġju u poter.

Fis-soċjeta' teżisti inugwaljanza kbira, fejn il-membri ta' soċjeta' mhumiex meqjusa l-istess. Kull soċjeta', f'kull żmien, se jkollha taffaċċja sitwazzjoni ta' inugwaljanza – qagħda fejn mhux kulħadd għandu daqs jew bħal ħaddiehor. L-ugwaljanza huwa wieħed mis-sisien tad-demokrazija. Kull sistema politika tisħaq li kulħadd hu l-istess. Minħabba f'hekk waqt li jippruvaw jimxu 'l quddiem huma jkunu qed joħolqu bidla soċjali. Huwa possibli għal kull individwu biex dan javvanza fis-soċjeta' , jakkwista aktar riżorsi, itejjeb il-pożizzjoni teigħu, tant li anki jasal biex joħroġ mis-saff soċjail li jinsab fih. Din hija mobilita' soċjali – it-tlugħ ta' persuna fuq l-iskala jew is-sellum li jirrappreżenta l-inugwaljanza. L-isforz u d-determinazzjoni, il-ġid u l-poter politku, il-ħbieb u suċċessi fl-edukazzjoni huma ftit mill-mezzi li jservu bħala ċwievet tal-mobilita' soċjali.

Mobilita' soċjali tfisser li l-membri tas-soċjeta' jkunu jistgħu jiċċaqalqu fis-sellum tas-soċjeta kemm vertikalment –interġenrazzjonali (bidla minn pożizzjoni

soċjali għall-oħra) kif ukoll orizzontali – intraġenrazzjonali bħal meta jkun hemm bidla ta' xogħol u mhux fil-pożizzjoni soċjali tal-ħaddiema

Hemm żewġ teoriji magħrufa fuq il-klassijiet soċjali: dik ta' Weber u ta' Marx. Fl-1867, Marx ħareġ il-ktieb Das Kapital. Karl Marx jaqsam is-soċjeta' fi tnejn: burgeoise (li huma il-propjetarji tal-mezzi tal-produzzjoni) u l-poletarjat (li huma l-ħaddiema). Skont Marx il-ħaddiema huma mċaħħda minn mezzi tal-produzzjoni għax il-ġid tal-produzzjoni ma jinqasamx indaqs bejn il-ħaddiema u l-propjetarji tal-mezzi tal-produzzjoni. Marx deherlu li l-ħaddiem għandu jkollu kontroll fuq ix-xogħol, jiddeċiedi kemm jaħdem u meta jaħdem u kemm jitħallas ta' xogħlu. Il-ħaddiem ġie mrobbi li jaħseb li l-esplojtazzjoni hija xi ħaġa normali.

Max Weber mill-banda l-oħra jqis il-klassijiet soċjali bħala grupp ta' individwi li għandhom l-istess stat jew pożizzjoni soċjali. Dan l-istat soċjali jiddependi minn sehem l-individwu fi tliet sferi tas-soċjeta' li huma l-ekonomija, il-pożizzjoni soċjail u l-politika.

F'Malta nistgħu ngħidu li nħaddnu sistema meritokratika minħabba li l-poplu Malti huwa mqassam f'klassijiet differenti izda il-maġġoranza tal-poplu Malti jinstabu l-aktar fil-klassi tan-nofs. Stratifikazzjoni soċjali tikkonsisti f'differenzi soċjali bejn gruppi differenti ta' nies. L-istratifikazzjoni tista' twassal bħal kunflitti minħabba li l-istratifikazzjoni soċjali hija parti mill-proċess ta' l-interazzjoni soċjali. Dawn il-kunflitti soċjali jistgħu jkunu jidhru ċari jew jkunu moħbija. L-iskop tal-konflitti soċjali normalment huwa biex il-partijiet f'konflitt jilħqu ċerti għanijiet li jkollhom.

Żgur li l-konflitti soċjali li jikkonsistu fi ġlied, irvellijiet, protesti u ċaqliq ieħor se jwasslu għall-bidla fil-pajjiz. Fid-dinja mhux il-pajjiżi kollha għandhom l-istess liberta'. Fil-fatt insibu pajjizi li jissejħu totalitarji jew dittatorjali bħal Kuba, u ċ-Ċina, li għandhom sistema ta' tmexxija li ma tippermettix lin-nies jgħixu liberi. Pajjiżi tal-Lvant, bħal Polonja, ċ-Ċekoslovakkja, l-Ungerija, ir-Rumanija, u l-ex-Unjoni

Sovjetika, permezz tal-konflitti soċjali kien hemm bidliet li ressaq lil dawn il-popli biex jakkwistaw aktar demokrazija u liberta'.

L-istratifikazzjoni soċjali tista' tieħu forom differenti. Fl-Indja, nsibu sistema ta' 'kasti' - l-aqwa waħda hija l-Brahma. Din is-sistema tant hi magħluqa li ma tippermettix il-mobilita' soċjali, jew aħjar ċaqliq bejn klassi u oħra. Fis-sistema fewdali ta' l-Ewropa s-sid kien jagħti biċċa raba' mill-art li kellu. Il-bidwi kien jista jieħu l-merħla tiegħu fiha b'kundizzjoni li meta s-sid ikollu bżonn isejjaħlu biex jiddefendiħ. Il-bidwi kellu jagħmel hekk għax inkella ma jkunx jista' jgħix f'dik l-art. Sistema aktar miftuħa bħal dik tal-punent u ta' pajjiżi oħra industrijalizzati jagħmluha possibli biex wieħed jgħaddi minn pożizzjoni soċjali għal oħra mingħajr tfixkil. Ċaqliq tal-pożizzjoni soċjali ta' individwu hija possibli permezz ta' l-edukazzjoni, għalkemm fatturi oħra bħalma huma raġunijiet ekonomiċi, promozzjoni fuq ix-xogħol u żwiġijiet ma' nies f'saffi differenti jgħinu l-individwi biex ikunu jistgħu jiċċaqalqu minn klassi għal oħra.

Fortunatament Malta hi pajjiż demokratiku u s-sistema politika tagħna tippermetti ċertu liberta' lill-poplu tagħna. Għalkemm pajjiżna jħaddan sistema demokratika ma jfissirx li ma jistgħux iseħħu kunflitti soċjali. Kunflitti soċjali kostruttivi huma importanti għal kull pajjiż, minħabba l-bidliet li jseħħu jkunu ta' ġid kemm għall-individwu kif wkoll għall-ġid soċjali.